TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 127/16/F

**Christian Brincat**

**vs**

**P & V Muscat Limited**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Ġunju, 2016 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u sbatax-il ewro, u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€117.51), rappreżentanti prezz ta' żewġ borom li wara li beda jużahom, dawn bdew jissaddu.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara żewġ borom tad-ditta Tescoma, u ftit wara li beda jagħmel użu minnhom bdew jissaddu.

L-intimat issottometta li dawn ma kinux qed jissaddu, imma kien minħabba l-induction li jkun hemm bis-sħana.

It-Tribunal, jinnota illi l-konsumatur għandu jkollu dritt ikun jaf eżatt meta jixtri għalxiex dieħel, li ma jidhirx illi ġie spjegat illi l-qiegħ tal-borom ikunu jistgħu jkollhom xi induction, b'hekk ikollhom qisu xi effett ta' ħruq, għalkemm forsi wieħed jista' jgħid li m'hemmx ħsara għall-ikel, pero' mhix ħaġa sabiħa li jkollok il-qiegħ tal-borom qishom maħruqin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), u b'dan illi l-borom jiġu propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**